**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018.**

**Rikors Numru: 29/2015 CSH**

**Ian Falzon**

**vs**

**L-Awtorita' tat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-22 ta' Jannar 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallsu l-ammont ta' disat elef u disa' mitt ewro (€9,900), rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga tieghu pagabbli bhala *performance bonus* dovuta lilu ghall-perjodu minn Jannar tas-sena 2013 sal-31 ta' Dicembru tas-sena 2013 u dan skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt tal-impjieg ta' Ian Falzon mal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta datat 30 ta' Novembru 2010 (anness u mmarkat bhala Dok. JPD1), liema ammont, minkejja diversi interpellazjonijiet, ghadu ma thallasx sal-lum.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghal Trasport f'Malta li gietipprezentata nhar l-20 ta' Frar 2015 fejn eccepiet:

1. *"Preliminarjament l-Awtorita' intimata teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent jaghqu minflok fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-Artikolu 75 tal-istess Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimata teccepixxi l-lis alibi pendens stante li bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi hemm diga' proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali li, jekk ikollhom success ghar-rikorrent, iwasslu ghall-ghoti ta' hlas li jinkludi l-pretensjoni tieghu f'din l-istanza;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet lix-xhud prodott mill-Awtorita intimata w cioe' lil **Raymond Fava**, Senior Manager tar-Rizorsi Umani fi hdan it-Transport Malta jixhed f'zewg okkazjonijiet, u cioe' nhar it-12 t'Ottubru 2015 u nhar l-14 t'Ottubru 2015. Huwa kkonferma li r-rikorrenti kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili fi hdan it-Transport Malta. Jghid li r-rikorrenti kien jircievi s-salarju tieghu kull sitta w ghoxrin (26) tax-xahar salv u b'eccezzjoni ghax-xahar ta' Dicembru. Ix-xhud spjega illi huwa

minnu li r-rikorrenti kien intitolat ghal *Performance Bonus* u dan kien jigi evalwat fl-ahhar tas-sena w l-ammont kien jinghata w jizdied mal-paga ta' Dicembru. Jghid li dan il-hlas kien isir darba fis-sena. Mistoqsi jekk ir-rikorrenti kienx ircieva l-*Performance Bonus* tas-sena 2013, jghid li ma kienx. Qal li din mhix awtomatika, izda l-bniedem johodha jekk ikun jixraqlu. Jghid ukoll li meta r-rikorenti waqaf jahdem, din is-somma ta' *Performance Bonus* kienet ghadha ma nhadmitx u ghalhekk zgur li ma setghetx inghatat lilu.

Ix-xhud ipprezenta l-ahhar tlett FS3's li rcieva r-rikorrenti ghas-snin 2012, 2013 u 2014 u dawn huma mmarkati bhala Dok. CSH, CSH1 u CSH 2 rispettivament.

Rat il-kopja ta' l-ittra ufficcjali pprezentata mill-istess rikorrent immarkata bhala Dok. IFA li giet prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Novembru 2014 u li kienet notifikata lill-Awtorita' Intimata nhar il-25 ta' Novembru 2014.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-8 ta' Lulju, 2015 fejn cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta w ordnat il-prosegwiment tal-kawza billi ddikjarat li hija ghandha il-gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza.

Rat ukoll is-sentenza preliminari taghha tat-28 ta' Ottubru, 2015 fejn iddecidiet illi s-Sub-artikolu (c) tal-Artikolu 2147 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jkoprix id-domanda tar-rikorrenti ta' Performance Bonus u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Awtorita' Intimata giet michuda w il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat ukoll is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet premessi fejn is-sentenza moghtija minn din

il-Qorti nhar it-28 ta' Ottubru 2015 fejn din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-peskrizzjoni sollevata mill-Awtorita' intimata giet respinta.

Rat ghalhekk li l-ewwel tlett ecezzjonijiet gja gew sorvolati u din is-sentenza ser tinghata dwar il-mertu u cioe' ser jigi deciz jekk l-ammont mitlub bhala performance bonus fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur hux dovut jew le lir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet u cioe' is-segwenti:

**Ian Falzon,** ir-rikorrenti xehed nhar il-5 ta' April 2017 bil-Malti fejn qal illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Director Civil Aviation Chief Officer u kien beda l-impjieg tieghu permezz ta' kuntratt ta' mpjieg. F'dan l-istess kuntratt hemm klawsola rigwardanti l-*performance bonus* li seta' jkun intitolat ghalih . Gie muri l-kuntratt tieghu esebit f'dawn l-atti a fol 16 et seq tal-process b'mod partikolari ghall-klawsola numru 5.1. F'din il-klawsola hemm referenza ghall-bonus li jista' jkun intitolat ghalih. Jiftakar illi f'Novembru ta' kull sena l-HR kien johrog *appraisal report* u dan hdejn l-ahhar tas-sena rigwardanti l-*performance* ta' kull haddiem u naturalment biex wiehed in segwitu jircievi l-*performance* ta' dik l-istess sena. Ir-rapport l-ewwel kien jimtela' mill-impjegat stess u mbaghad jiffirmah u wara jmur l-HR jew is-CEO biex japprovawh. Gie muri zewg dokumenti esebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument IFC u IFD. Id-dokument IFC huwa maghruf bhala *performance review form* u huwa kien mlieh, ffirmah u bghatu lura fit-18 ta' Novembru tas-sena 2013. Filwaqt li d-dokument IFD huwa *performance review form* ukoll u dan jirrifletti l-pozizzjoni tieghu tas-sena ta' qabel u cioe' s-sena 2012, effettivament ikkonferma li kien ircieva *full performance bonus* kemm ghas-sena 2011 kif ukoll ghas-sena 2012.

Huwa kien hadem is-sena 2013 kollha. F'din l-istess sena bhal ma sar fis-snin ta' qabel l-HR Department kien baghtilhom il-formola biex timtela' u huwa

mlieha. Filfatt hemm kopja taghha esebita fl-atti intestata bhala Dokument IFC u bghatha lura fi zmien stipulat u in segwitu jaf li rcieva email minghand ic-chairman li hija l-email li huwa rcieva u li tinsab ezebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dokument IFF datata l-Hamis 19 ta' Dicembru 2013, fejn ic-chairman baghat jinfurma lilu kif ukoll lil nies ohra li kellhom jircievu *performance bonus* ta' ghaxra fil-mija. Dan l-ammont kien approvat provvizorjament sakemm isiru diskussjonijiet finali maghhom. Qal li in segwitu s-soltu huma kien ikollhom laqgha biex jiddiskutu dan ir-*review* u ghalhekk kellhom assenjat lilhom nofs siegha kull wiehed fil-gimghat ta' Jannar biex huma jaghmlu dan ir-*review*.

In segwitu qal illi huwa kellu laqgha ga ffissata pero' f'daqqa wahda giet kancellata u fl-14 ta' Jannar 2014 kien bghatt email lic-chairman li tinsab ukoll esebita f'dawn l-atti bhala IFF fejn talab jekk effettivament dan il-*meeting* kienx se jerga' jigi *rescheduled.* Pero' qatt ma ha risposta dwar din l-email u l-*performance bonus* qatt ma rcevih.

Gie muri dokument ukoll esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument IFE. Qal li effettivament dana kien prezentazzjoni li kienet saret minn Ascend li hija flight global consultancy gewwa konferenza tal-avjazzjoni hawn Malta li nzammet fit-12 ta' Settembru 2014 fejn hemm *market analysis* fl-avjazzjoni fil-Mediterranean. Kif deher mid-dokument inserit fl-atti u appuntu mid-dokument immarkat bhala Dokument IFE, hemm il-*Mediterranean fleet changes* mis-sena 2008 u jidher illi Malta kienet sejra tajba hafna. Kienet l-ewwel filfatt.

Mistoqsi kif huwa kien involut fil-growth hawn Malta qal illi effettivament kien beda l-impjieg tieghu fl-2011 u mal-Ministeru kien qed jara kif ha jzidu l-avjazzjoni hawn Malta. Tenna li effettivament kienet inbidlet ukoll ir-Registration Act u kien tahom parir kif kellhom jzidu mhux biss in-numru ta'

ajruplani izda li jgibu l-kumpaniji hawn Malta sabiex jigu stabbiliti hawn wkoll.

**Raymond Fava** rega' xehed nhar l-24 ta' Mejju, 2017 fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' senior manager inkarigat mir-rizorsi umani tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta u ilu jokkupa din il-kariga sa mill-14 ta' Mejju 2014. Mistoqsi jiftakarx jekk jafx lil Ian Falzon, ir-rikorrenti wiegeb illi meta kien beda hu, Ian Falzon ma kienx ghadu impjegat u ghalhekk dak li xehed kien abbazi ta' dokumenti u x-xhieda li nghata hu u mhux ghax jafu di xjenza proprja. Mill-file personali tieghu u minn dokumentazzjoni li rcieva b'mod specjali b'referenza ghall-kawza odjerna fejn ir-rikorrenti eziga li jithallas mill-Awtorita' s-somma ndikata fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' disat elef u disa' mitt euro (€9,900) rapprezentanti hmistax fil-mija tal-paga li Ian Falzon kien pagabbli bhala *performance bonus* fl-ahhar sena li huwa ghamel ma' Transport Malta, qal li l-ammont ta' *performance bonus* filfatt ma thallasx. Fis-seduta precedenti r-rikorrenti kien ipproduca dokument u cioe' email li kienet giet miktuba mic-chairman attwali James Piscopo li hija datata 19 ta' Dicembru 2013 fejn Piscopo kien informa l-kbarat ta' dak iz-zmien.

Saret referenza ghad-dokument IFF a fol 106 tal-process u appuntu ghall-email datata 19 ta' Dicembru 2013 mibghuta mis-Sur James Piscopo lir-rikorrenti. Ikkonferma illi f'dawk iz-zminijiet il-*performance bonuses* kienu jithallsu mal-paga tal-Milied u ghalhekk is-sena ma tkunx ghadha ghalqet. Tenna illi dak iz-zmien kien hemm id-drawwa li jibdew billi jaghtu ghaxra fil-mija u l-bilanc tal-hamsa fil-mija tinghata wara meta jitkellmu mas-senior positions, meta jsir *performance appraisal* f'aktar dettall. Mistoqsi jekk l-ghaxra fil-mija *performance bonus* imsemmija f'dan l-email thalsitx lil Ian Falzon wiegeb li le, la thalset lil Ian Falzon u lanqas lin-nies l-ohra li kienu fl-istess *rank* fl-istess senior management. Ikkonferma illi effettivament ma kienx thallas dawn il-hmistax fil-mija la wara u lanqas qabel il-Milied. Zied

illi effettivament wara l-Milied kienu saru pagamenti fil-konfront ta' *performance bonuses* lil nies ohra izda mhux lir-rikorrenti.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni ghaliex effettivament Ian Falzon ma thallasx, wiegeb illi immedjatament wara l-Milied is-Sur James Piscopo kien ircieva rapporti minghand il-Korp tal-Pulizija abbazi tar-rapport li kien sar mill-internal audit tal-ufficcju tal-Prim Ministru maghruf bhala IAID li kienu jitfghu dell ikrah fuq ir-rikorrenti. Jaf li s-sur Piscopo kellu laqgha mal-bord u hu ma kienx prezenti pero' ghandu l-minuti. Kienet ittiehdet decizjoni waqt dan il-*bord meeting* illi Ian Falzon kellu jew jirrizenja jew jekk ma riedx jirrizenja l-bord kellu jiehu decizjoni hu. Filfatt kien il-bord stess li ha din id-decizjoni u ttermina l-impjieg ta' l-istess rikorrenti. Huma kienu jinsabu fit-Tribunal Industrijali fejn ir-rikorrenti qed jikkontesta t-tkeccija tieghu u jaf ukoll li hemm proceduri kriminali ghaddejin fil-konfront tar-rikorrenti.

**James Piscopo** xehed nhar il-21 ta' Gunju 2017 fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' chairman u CEO ta' Transport Malta u ilu jokkupa din il-kariga minn 2013 u rega' gie rikonfermat ftit gimghat ilu. Mistoqsi jispjega x'inhi l-uzanza ta' *performance bonus* gewwa l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta qabel ma beda l-inkarigu tieghu, qal illi kwazi kwazi din kienet estensjoni tal-paga. Huwa naturalment ma jafx il-proceduri tal-*meetings* li kienu jinzammu bejn is-CEO ta' qabel u ghalhekk ezattament x'kien jintqal dakinhar ma jafx. Pero' huwa xtaq li jiltaqa' ma' kull persuna li kienet allegatament intitolata ghal xi *performance bonus* f'dan il-kaz ic-chief officers u jaraw il-*performance* anticipat li kellhom u dak li effettivament gie maghmul minnhom.

Sostna li peress li fis-sena 2013 kien ghadu kif beda bl-inkarigu tieghu, ma kienx ghadu iltaqa' mac-chief officers kollha. Naturalment ghall-iskop tal-performance *bonus* per sem, kien hemm uzanza illi performance bonus jinghata f'Dicembru qabel il-Milied u peress li hu kien ghadu ma ltaqax maghhom, ma xtaqtx li ma jaghtihom xejn u ghalhekk kien hareg email

f'Dicembru 2013 fejn huwa kien qal li ha jaghti ghaxra fil-mija bonus provizjonali lil kulhadd u dan b'referenza ghac-chief officers kollha u mbaghad kellhom jiltaqghu bil-kwiet f'Jannar 2014 u dan sabiex jaghmlu l-ezami normali sabiex jirrevedu l-*performance bonus* li jkun dovut jekk ikun dovut. Tenna li l-intenzjoni tieghu kienet wahda provizorja ghax-xahar ta' Dicembru.

Gie muri dokument li jinsab ezebit fl-atti a fol 106 immarkat bhala Dokument IFF u din hija l-email li huwa kien diga ghamel referenza ghaliha fix-xhieda tieghu u cioe dik li kien bghat f'Dicembru, 2013. Fiha hemm indikat ukoll ic-chief officers kollha. Li jiftakar huwa li f'xi zmien fis-sena 2013 fil-midja kien qed jigi rapportat il-kaz tas-Sur Falzon. Dak iz-zmien qal illi f'Ottubru/ Novembru 2013 kien qed jigi wkoll diskuss il-kaz ta' Ian Falzon fil-bord. Il-bord kien ha l-parir legali sakemm ma jkunx hemm *formal pressing of charges* mill-pulizija, li s-sur Falzon kellhu jibqa' fl-impjieg. Naturalment qabel ma bghat din l-email huwa kien jaf li kienu ghaddejin dawn l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' Ian Falzon. Pero' qal li f'xi zmien f'Novembru jew Dicembru 2013 in-nies tieghu kienu ltaqghu mas-sur Falzon proprju biex is-Sur Falzon jispjega effettivament dak li kien ghaddej u skont l-informazzjoni moghtija lilu mill-haddiema tieghu s-Sur Falzon ma kienx qed jghidilhom li l-pulizija kienet tibghat ghalih. Il-haddiema tieghu kienu c-chief officer u d-direttur u cioe' Jeanette Axisa u Charles Pace.

Mistoqsi jekk effettivament Ian Falzon kienx jinfurmah direttament hu personalment b'dak li kien ghaddej, qal illi le effettivament ma kkomunikax mieghu u dan qabel l-email ta' Dicembru 2013. Pero' qal illi meta Ian Falzon effettivament gie notifikat bic-charges mill-pulizija ma qallu xejn. Effettivament kien baghat email lil Jeanette Axisa u Charles Pace fejn gharrafhom illi l-pulizija kienet se tmexxi kontrih. Esebixxi kopja ta' din l-istess email li hija datata 20 ta' Jannar 2014. Din giet mmarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH. In segwitu qal illi l-istaff tieghu kienu nfurmawh dwar

dawn ic-charges u huma hadu parir. Qal illi dakinhar stess huma kienu bghatu ittra lis-Sur Falzon fejn talbuh biex johrog bil-leave. Esebixxa kopja ta' din l-istess ittra li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH1.

Mistoqsi jekk effettivament is-Sur Falzon thallasx din l-ghaxra fil-mija msemmija fl-email ta' Dicembru 2013, huwa wiegeb illi le ma thallasx. Qal illi effettivament kienu thallsu c-chief officers kollha salv u b'eccezzjoni ghal Ian Falzon. Qal illi dak iz-zmien kellu wkoll parir legali illi Ian Falzon kien diga kiser l-obbligi tieghu lejn il-kumpanija u ghalhekk fil-fehma tieghu ma kienx haqqu dan il-*performance bonus*. Tenna illi l-ufficcju tieghu kienu nfurmaw lill-ufficcju tal-finanzi biex johorgu din l-ghaxra fil-mija *performance bonus* b'eccezzjoni ghas-Sur Falzon. L-Awtorita' kienet taf bil-kaz sensittiv tas-Sur Falzon. Il-performance tas-Sur Falzon li kellu kariga gholja fl-avjazzjoni ma titkejjilx biss b'kemm rregistraw kumpaniji izda wkoll fuq livell ta' *trust* li jkun hemm bejnu u bejn l-Awtorita'. Ir-raguni hija semplici. Il-kariga li kellu s-sur Falzon fl-avjazzjoni meta jkun qed jirraprezenta l-Awtorita' per ezempju fuq fora internazzjonali, mhux qed jirraprezenta lilu jew l-Awtorita' biss izda anke l-bandiera Maltija. Ghalhekk f'kull kaz ta' senior management u senior officers il-fiducja hija tassew importanti.

Huwa filfatt kien iltqa' mac-chief officers kollha salv u b'eccezzjoni ghas-Sur Falzon. Ma sarx *appraisal* fil-konfront tas-Sur Falzon. Jekk mhux sejjer zball is-Sur Falzon kien ghamel *appraisal* tieghu innifsu u kien baghtlu kopja tieghu.

Gie muri d-Dokument IFT esebit f'dawn l-atti, esebit mis-Sur Falzon stess li huwa l-*appraisal* li huwa ghamel tieghu nnifsu ghas-sena 2013. Dan jinsab esebit fl-atti a fol 91. Hu qatt ma ddiskuta dan l-*appraisal* mieghu ghaliex kieku kien iffirmah u jghamel xi kummenti fuqu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi relazzjoni bejn il-kumpanija SN u Transport Malta huwa qa li m'hemmx.

Pero' qal illi meta ssir *performance bonus* lill-individwu hu ma joqghodx jaghti kaz rapporti li jkunu saru minn terzi. Partikolarment jekk ma jkunux imqabbda mill-Awtorita' stess. Huwa qatt ma kellhu kaz tac-chief officer fejn ipprezentawlu xi *cuttings* mill-gazzetti. Hu ma jaghti l-ebda importanza lil dawn it-tip ta' *flight global consultancy reports* li gew ezebiti fl-atti bhal dak ezebit bhala Dokument IFE a fol 95. Huma jkollhom l-internal KPI fis-sens ta' xi jkollhom bhala *expectations* taghhom minghand dak l-individwu cioe' c-chief officer u jekk jilqaghhomx jew le. Il-kejl isir wiehed intern. Qal li fil-fehma tieghu c-charges li hargu mill-pulzsija fil-konfront tal-attur huma ta' embezzlement u frodi. Huwa ma kienx involut fil-kuntratt ta' impjieg originali tas-sur Falzon. Falzon ma kienx ghadu mpjegat ma' Transport Malta. Hu ma jafx jekk effettivament kellux hmistax fil-mija *performance bonus fixed.*

Gie muri dokument esebit f'dawn l-atti u cioe' l-kuntratt tal-impjieg tal-attur, partikolarment bullet 5.1 li jitkellem dwar *performance bonus.* Qal li effettivament dan jindika ezattament dak li qal hu u cioe' illi c-chief officer ikun intitolat jiehu hmistax fil-mija performance bonus li huwa abbazat fuq il-KPIs kif qal hu fix-xhieda tieghu. Filfatt qal li dan huwa *standard clause* f'kull kuntratt ta' chief officer. Ma jiftakarx jekk effettivament kienx ra il-kuntratt tas-Sur Falzon. Huwa minnu li hu ha d-decizjoni li ma jsirux *performance reviews* fuq is-Sur Falzon. Id-decizjoni hu hadha l-ewwel fuq dak li kien qara fuq il-midja pero' mbaghad kien ivverifika tramite r-rapprezentanti tieghu Bernardette Axisa u Charles Pace wara li kien tkellem direttament maghhom.

Fis-sena 2013 is-Sur Falzon kien qed jahdem ma' Transport Malta u qal li effettivament hadimha kollha. Tenna illi Ian Falzon hadem is-sena kollha 2013 peress li ma kinux ghadhom mgharrfa bil-proceduri li kienu qed jiehdu l-pulizija fil-konfront ta' l-istess Ian Falzon b'mod formali. Huwa minnu li effettivament l-attur tressaq il-Qorti fakkuzat mill-Pulizija fuq reati li ma

jikkoncernax lil Transport Malta u li allegatament gew kommessi mill-attur qabel ma beda l-impjieg tieghu ma' Transport Malta.

Min-naha tieghu dak li l-attur ghamel fil-kumpanija l-ohra qabel ma beda l-impjieg tal-Awtorita' tat-Trasport seta' jinfluwenza l-impjieg serju li huwa kellu mal-istess Transport Malta u kien ghalhekk li huwa ha dik id-decizjoni li jissospendih mill-impjieg tieghu ta' Chief Officer. Qal li din kienet decizjoni li ttiehdet mill-Bord kollhu u mhux minnu personalment wahdu. Huwa minnu li l-Awtorita' kienet tilfet l-fiducja fl-attur wara dak li kien gie rapportat lilhom u eventwalment l-istess attur kien gie mkecci. Sostna illi s-settur tal-avjazzjoni kien sejjer tajjeb fis-sena 2013. Meta muri *pie chart* a fol 99 tal-process huwa qalli li l-istampa murija hemm hija wahda vera.

L-Assistent Kummissarju **Ian Abdilla** xehed nhar il-5 ta' Lulju 2017 fejn ikkonferma li huwa kien ufficjal investigattiv fl-investigazzjonijiet li saru fil-konfront ta' Ian Falzon li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' chief financial officer mal-kumpanija MATS, Malta Air Traffic Services Limited. Qal li effettivament din kienet investigazzjoni aktar wiesa' fejn kien hemm nies ohrajn involuti li kienet tikkoncerna uzu illegittimu ta' credit cards tal-kumpanija, ix-xiri ta' oggetti ta' affarijiet personali mhallsa b'dawn l-istess credit cards fost affarijiet ohrajn. Jghid illi wkoll maghhom kien hemm l-IAID jassistuhom.

Fost nies ohra huwa kien arresta lir-rikorrenti u investigah. Qal li effettivament ir-rikorrenti kien ikkollabora maghhom u kien sahansitra anke ammetta maghhom l-partecipazzjoni tieghu. Tenna li kien hemm xi affarijiet ukoll li nxtraw bil-flejjes tal-kumpanija li gew ritornati lilhom. Ir-rikorrenti kien tressaq il-Qorti u gie akkuzat bl-akkuza ta' misapproprjazzjoni u frodi ghad-dannu tal-istess socjeta' MATS u in segwitu tal-Gvern ta' Malta. Il-kawza ghadha pendenti sub judice. Esebixxa kopja tac-charges relattivi li l-

Qorti mmarkat bhala Dokument AC. Ipprometta li jipprezenta permezz ta' nota l-istatements involuti relatati mar-rikorrenti.

In kontro-ezami qal illi Ian Falzon iddikjara li ma kienx hati fil-proceduri kriminali. Mistoqsi jekk effettivament MATS ghadhiex parti mill-kawza, huwa qal illi iva kienet fil-kawza pero' m'ghadhiex. Dan peress illi kien hemm xi trattattivi bejn il-partijiet u giet tranzatta b'mod amikevoli.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Jannar, 2018 u dik responsiva prezentata mill-Awtorita' intimata nhar il-14 ta' Frar 2018.

Semghet lill-partijiet jitolbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha u dan fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta s-segwenti bhala fatti li ma gewx kontestati:

1. Illi l-attur kien impjegat mal-Awtorita' intimata fil-kapacita' ta' Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili u dan mill-1 ta' Frar 2011 u dan fuq kuntratt ta' impieg b'terminu fiss ta' tlett snin datat 30 ta' Novembru 2010 (vide Dok IF 1) liema kutnratt gie imgedded ghal tlett snin ohra permezz ta' ittra datata 6 ta' Novembru 2012 (Dok IF 'A').
2. Illi l-attur gie imkecci mill-impieg tieghu permezz ta' ittra mibghuta lilu mill-Awtorita' intimata nhar l-24 ta' Marzu 2014, liema ittra ma gietx kontestata.
3. Illi skond il-kuntratt ta' impieg u appuntu l-klawsola numru 5.1 ' *The employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to fifteen per cent (15%) of the annual gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and key performance*

*indicators (KPI). The absence of KPIs will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus."*

4. Illi l-Awtorita' intimata tramite e-mail mibghuta minn James Piscopo CEO tal-istess Awtorita' lir-rikorrenti nhar id-19 ta' Dicembru 2013 kienet ikkoncediet li jinghata 10% tal-bonus u dwar il-kumplament kellu jkun hemm laqgha sabiex jigi diskuss il-performance tieghu u tal-ohrajn li ukoll kellhom management post.
5. Illi pero' jirrizutlta li nel frattemp inhargu xi charges tal-pulizija dwar misapproprjazzjoni, frodi u embezzlement fil-konfront tar-rikorrent kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol 131 mmarkat bhal Dok TM1 mahruga mill-allura Supretendent tal-pulizija u mibghuta lill-Ministeru tal-Infrastruttura u Trasport.
6. Illi bhala fatt is-CEO James Piscopo ma kienx jaf ezatt fejn kienu waslu l-proceduri fl-konfront tar-rikorrent u kien ghalhekk li kien hareg dik l-email gja imsemmija pero' appena sar jaf li c-charges fil-konfront tal-attur gew formalizzati kienet ittiehdet decizjoni mil-Bord li l-attur kellu jigi imkecci jekk ma jirrizenjax hu stess stante li l-Bord kien tilef kull fiducja fih.
7. Illi bhala fatt ghal dak il-perjodu msemmi fir-rikors promotur kulhadd kien ha l-performance bonus ta' 15% salv u b'eccezzjoni tal-attur stante li kien gie mressaq il-Qorti u akkuzat b'reati kriminali u dan seta' kellu impatt negattiv fuq l-Awtorita' intimata minkejja li r-reati in kwisjtoni sehhew qabel mal-attur beda l-impieg mal-Awtorita', pero' sehhew minnu.
8. Illi huwa indiskuss li bhala fatt l-attur ma ircieva l-ebda performance bonus u ghalhekk kellha issir din il-kawza.
9. Apparti l-eccezzjonijiet l-ohra gja sorvolati, l-Awtorita' intimata qed tghid li l-ammont pretiz mhux dovut u dan minhabba l-agir kriminuz tal-attur u minhabba f'hekk l-awtorita' tilfet kull fiducja li kellha fil-persuna tieghu.

L-attur qed jargumenta li l-kuntratt huwa ftehim bejn il-partijiet u jorbot lill-partijiet daqs li kieku kien ligi u dan a bazi tal-principju ta' *pacta sunt*

*servanda*. Ghalhekk l-performance bonus ghandu jithallas ghaliex fil-kuntratt hemm imnizzel il-kelma bl-ingliz "*shall*". Minn naha l-ohra l-Awtorita' intimata ma taqbilx ma' din it tezi u dan ghaliex tghid li tali performance bonus ikun dovut wara li jsiru l-appraisals appoziti mill-istess awtorita' intimata li fil-kaz in desamina ma sarux. Fil-kaz in desamina kien hemm biss appraisals li saru minn entitajiet li huma estraneji ghal dawn il-proceduri u ghalhekk kif stqarr is-sur Piscopo fix-xhieda tieghu l-Awtorita' mhix tenuta toqghod u tistrieh fuqhom.

**Performance Bonus**

Kif fissret din il-Qorti stess f'sentenza moghtija minnha fl-ismijiet '**<u>Alison Casha vs Melita Plc'</u>** deciza 14 ta Lulju 2012 **"***Il-Performance Bonus hija renumerazzjoni li ma hix fissa u li tmur lil hinn minn paga normali ta' impjegat, liema hlas jinghata lill-impjegat una volta jilhaq xi miri jew tiri partikolari stabbiliti bil-quddiem mill-imghallem tieghu. In oltre tali hlas ghandu jinghata biss bhala apprezzament ghax-xoghol li jkun ghamel l-impjegat u mhux xi hlas li l-impjegat huwa awtomatikament intitolat ghalih".*

Huwa minnu illi, fil-ħlas ta' performance bonus, hemm element ta' diskrezzjoni mħolli f'idejn l-awtorita' intimata. Madankollu, ladarba l-ħlas tal-*performance bonus* kien stipulat fil-ftehim bejn il-partijiet, hemm ukoll rabta kuntrattwali, u l-ħlas għalhekk ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni mhix imxekkla tal-Awtorita' intimata. Li ma kienx hekk, l-obbligazzjoni kuntrattwali tkun biss waħda potestativa u ma tiswiex, kif jgħid l-art. 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili[1] , u interpretazzjoni li tifhem il-patt b'mod li jħalli l-ħlas għal kollox għar-rieda tal-Awtorita' intimata tkun interpretazzjoni li tmur kontra

[1] 1056. (1) L-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ikkuntrattata taht kondizzjoni li taghmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruhu.

dak li jrid l-Art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili[2] għax tkun tfisser illi l-partijiet ftiehmu fuq patt li ma jiswiex.

Il-Qorti għalhekk tifhem illi kien hemm obbligazzjoni fuq l-Awtorita' intimata illi tħallas il-performance bonus, jekk seħħew il-kondizzjonijiet li taħthom kellu jsir il-ħlas. Ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tara jekk sehhew il-kundizzjonijiet li tahthom kellu jsir il-hlas.

Illi kif jirrizulta skond il-kuntratt u senjatament ghall-klawsola numru 5.1 il-*performance bonus* kellu jithallas skond '*on agreed performance objectives and key performance indicators* (KPI's)'. Pero' hemm ndikat ukoll li "*the absence of KPI's will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus*". Illi ghalhekk *ab initio* jirrizulta li sabiex ikun dovut il-*performance bonus* hemm il-htiega li jkun hemm qbil li tali bonus ikun dovut. Dan il-*performance* jista' jigi attwat biss una volta jkun hemm appraisal mill-awtorita' intimata li jindika li dak li jkun ikun intitolat ghal tali bonus. Il-bonus mhux paga addizzjonali kif donnu qed jimplika r-rikorrent jew dritt tieghu izda huwa bonus li jinghata kemm-il darba dak li jkun ikun hadem ghaliha billi inghata appraisal favurih mis-socjeta' intimata. Il-kelma 'shall' bil-lingwa Ingliza hawnhekk ma tfissirx li l-awtorita' hija obbligata taghti dan il-bonus izda li l-Awtorita' ghandha taghti dan il-bonus una volta jkun dovut.

Illi jirrizulta li l-kwistjoni hija limitata ghas-sena 2013 u cioe' ghal dik is-sena li ma rceviex l-performance bonus. L-attur jispjega li bhas-snin ta' qabel huwa kien mela il-formula relattiva pero' l-assessment tieghu baqa' ma sarx bhalma kien sar fis-snin ta' qabel meta kien ircieva tali performance bonus. Jidher kif in fatti stqarr ir-rikorrent stess u kkonfermat mix-xhieda ta' Raymond Fava u s-CEO James Piscopo, ir-rikorrent baqa' ma rcieva l-

[2] 1004. Meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, ghandha tiftehem li tfisser dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-haga li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.

ebda performance bonus u dan minkejja li fid-19 ta' Dicembru 2013 is-CEO kien baghat email lir-rikorrent kif ukoll lil xi membri tas-senior management (chief officers) ohra li kellhom jircievu ghaxra fil-mija tal-performance bonus u dwar il-kumplament kellhom jistennew ghal Jannar wara li jigi diskuss l-assessment individwali taghhom. Gara' pero' li fil-kaz tar-rikorrent u tar-rikorrent biss dan ma inghatax lanqas l-ghaxra fil-mija li hemm ismemmi f'din l-e-mail.

James Piscopo jghid fix-xhieda tieghu li huwa kien inghata parir legali li r-rikorrent kien gja kiser l-obbligu tieghu u cioe' dak ta' fiducja lejn l-Awtorita' meta fil-fatt kien qed jigi investigat fuq akkuzi serji. Jirrizulta ad insaputa ta' Piscopo stess li l-attur kien qed jigi nvestigat u mitkellem mill-Pulizija Esekuttiva ta' Malta fiz-zmien meta kien baghtlu l-e-mail. Kien biss wara li kien baghat din l-e-mail li gie mgharraf bic-charges li kienu gew prezentati fil-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu. Piscopo jghid li l-akkzui per se huma akkuzi serji u jistghu jkollhom effett fuq il-persuna tar-rikorrent u influwenza negattiva fuq l-kariga li jokkupa tant li titfa dawl ikrah fuq il-kariga tieghu. Huwa minnu li r-reati ma gewx kommessi fir-rigward tal-Awtorita' intimata pero' l-Awtorita' ma jistax ikollha nuqqas ta' fiducja fl-attur li kellu kariga daqstant importanti.

Illi stante li ma gie pprezentat l-ebda assessment imhejji independentement mill-attur, u stante il-fatt li l-attur ghaddej proceduri kriminali fejn sahansitra skond ma qal l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla stess fix-xhieda tieghu l-attur kien ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dawn ir-reati u sahansitra anke irritorna whud mill-affarijiet li kienu nxtraw minnu bil-credit card tal- kumpanija li giet defrodata wassal sabiex l-attur jigi mkecci u kienet ittiehdet decizjoni mill-Bord li l-attur ma jinghatax l- performance bonus tas-sena 2013. Mhux korett l-attur meta jghid fin-nota tieghu li l-attur huwa prezunt innocenti u li l-proceduri kriminali ghadhom *sub judice* qisu l-attur ghadu ma ghamel l-ebda pronunzjament meta skond l-Assistent

Kummissarju l-attur kien ammetta mieghu l-partecipazjoni tieghu fir-reati addebitati lilu. Dan l-agir tal-attur ma jirriflettix tajjeb fuq l-Awtorita' u ghalhekk l-Awtorita' kienet gustifikata li ma taghtix il- *performance bonus* li hija diskrezzjonali lill-istess attur.

Illi in otlre l-attur fin-nota tieghu jikkonkludi li huwa dejjem inghata 15% tal-paga bhala *bonus performance* u ghalhekk kien qed jitlob li jinghata l-istess ammont ghas-sena 2013 pero' jghid ukoll li huwa kien ircieva dan l-ammont wara li jkun sar *appraisal* li f'dan il-kaz ma sarx ghaliex una volta l-attur agixxa bil-mod kif agixxa u cioe' rinfaccja proceduri kriminali, huwa tilef kull fiducja tant li anke spicca mkecci mill-impieg.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li mhix ser tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel tlett eccezzjonijiet stante li dawn gja gew trattati fis-sentenza li gja nghatat b'mod preliminari u dwar ir-raba' eccezzjoni din qed tigi milqugha tant li t-talba ta' l-attur qed tigi michuda in toto.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu ta' l-attur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**